KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Is-SEBA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

12 t’Ottubru 2016

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t’Edinburgh fis-6.00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Christian Sammut - Sindku
Antonello Cuschieri - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ - Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Vincent Bonello – Viċi Sindku
Carme Borg – Kunsillier
Louise Tedesco - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

28.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija ta' Vincent Bonello, Carmen Borg u Louise Portelli u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.2.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 28 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati bil-korrezzjonijiet unanimament.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 Is-Sindku nfurma lill-membri li dwar l-istatwa ta' Santa Elena ma kellu l-ebda risposta.

28.3.2 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Perit qed iħejji l-aħħar Bill of Quantities dwar il-Proġett ta' Rinnovar ta' Pjazza Kappillan Muscat.

28.3.4 Is-Sindku nfurma lill-membri li jinsab sodisfatt bl-attendenza li kien hemm fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tas-Sala Joe Zammit Cordina, fejn attendew għaliha bosta Membri Parlamentari miż-żewġ naħat tal-Kamra. Is-Sindku nfurma li ntbagħtet ittra ta' ringrazzjament lil dawk il-persuni li taw sehemhom sabiex din is-serata tkun suċċess. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li s-Sur Harry Zammit Cordina bagħat ir-ringrazzjament tiegħu u tal-Familja Zammit Cordina għall-ġest sabiħ tal-Kunsill.

28.3.5 Is-Sindku nfurma li kellu talba mill-Girl Guides tal-Ħamrun fejn qed jitolbu l-użu ta' Sala Joe Zammit Cordina nhar ta' Ġimgħa. Tqajjmet diskussjoni dwar il-Garanzija li għandha tintalab. Ġie deċiż li l-għaqdiet ma jħallsux iżda jintrabtu b'kuntratt iffirmat li f'każ li ssir ħsara jagħmlu tajjeb għaliha huma.

28.3.6 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk Għaqdiet Lokali humiex awtorizzati jagħtu stimi għal servizzi, bħal P.A. System. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġaladarba l-għaqda tipprovdi VAT Receipt, ma ssib xejn illegali f'dan. Barra minhekk hija ħaġa tajba li l-Kunsill jagħmel użu mis-servizzi offruti mill-Għaqdiet Lokali.

28.3.7 Is-Sindku nfurma li bdew jinħadmu l-forom għall-presepji.

28.3.8 Is-Sindku nfurma lill-membri li jkun opportun li l-Kunsill jiddiskuti l-idea ta' re-enactment tal-Purċissjoni bil-Bambin ma' Drama Group professjonali sabiex niddiskutu din l-idea.

28.3.9 Is-Sindku nfurma li l-Kunsill ġie msejjaħ sabiex isir l-iffirmar tal-Kuntratt għall-iSkema Proġetti Kapitali. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega ta' kif se jingħataw il-fondi u

tkellmet mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-trasferiment tal-Letrini lill-MTA u l-fondi in kwistjoni.

## 28.4 Festival taċ-Ċikkulata 2016

28.4.1 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Konferenza Stampa se ssir għand Jesmond Mizzi Financial Services li se jagħtina sponsor ta' madwar € 1000. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa għad-data. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed tistenna data u ħin mingħand l-Onor. Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo. Malli jkollha d-data, tinfurma lill-membri b'mod immedjat.

28.4.2 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Hamrun Hobbies kienu kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Festival, iżda nfurmawh li x'aktarx mhux se jipparteċipaw. Is-Sindku nfurma li l-Għaqda Mużikali San Ġużepp se jipparteċipaw billi jarmaw stand taċ-Ċikkulata u l-Għaqda Mużikali San Gejtanu se jipparteċipaw billi jagħmlu kunċert żgħir u stand taċ-Ċikkulata wkoll. Is-Sindku nfurma li l-Ħamrun Spartans se jkunu qed jipparteċipaw permezz ta' stand taċ-Ċikkulata. L-Għaqda tan-Nar Immakulata Kunċizzjoni se jkunu qed ibiegħu Ċikkulata f'forom ta' Burgers u Hot Dogs. Is-Sindku nfurma wkoll li r-Red Boys ipproponew li jarmaw stand b'xorb alkoholiku magħmul miċ-ċikkulata. Il-Kunsill m'approvax din l-inizzjattiva għaliex ma jixtieqx li jippromwovi l-użu ta' alcohol waqt l-attivitajiet tiegħu.

28.4.3 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkuntattja lil WastServ Malta sabiex jipprovdu Bins għal waqt l-attivita', filwaqt li t-tindif tat-toroq jibda eżatt wara l-attivita', filwaqt li matul l-attivita' jkun hemm l-attendants mal-letrini pubbliċi li għandhom jinżammu miftuħin sas-1.00a.m.

28.4.4 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Banda tal-Junior College se tkun qed tanima l-area ta' Triq il-Ferrovija.

28.4.5 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li f'każ il-Ħamrun Hobbies ma jarmawx, l-għannejja jiġu stazzjonati fi Triq Villambrosa.

28.4.6 Is-Sindku nfurma lill-membri li r-reklamar tal-attivita' jsir fuq Radio 101, One Radio u Radio Galaxy, filwaqt li se jintużaw il-billboards żgħar tal-Kunsill.

28.4.7 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-memri li ġie avviċinat minn persuna li lesta tieħu footage tal-Festival u wara jista' jittella' fuq Youtube. Barra minhekk tkellem ma xi artisti li lesti jipparteċipaw fil-festival, fejn ipinġu pitturi relatati ma' dak li huwa Ħamruniż. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li l-Petting Farm ikkonfermaw l-attendenza tagħhom waqt il-festival u kulma talbu huwa spazju ta' 9mX3m.

28.4.8 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li jsir filming tal-Press Conference.

28.4.9 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li min-naħa ta' Entertainment, se jkun hemm żewġ stages li se jkunu stazzjonali, wieħed fi Triq id-Duluri k/m Triq il-Ferrovija

u l-ieħor fi Triq il-Kbira San Ġużepp k/m Triq Tommaso Caruana Demajo. Se jkun hemm ukoll żewġ preżentaturi, s-Sinjura Tania Borg fuq Stage 1 u s-Sur Manuel Chircop fuq Stage 2. Fuq Stage 1 se jkun hemm kant u żfin minn talent żagħżugħ filwaqt li fuq Stage 2 se jkun hemm kunċert ta' siegħa mill-kantanta Corazon, Franklin, Dario Mifsud Bonnici, Kevin Calleja u bosta talent Ħamruniż ieħor. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab l-għajnuna tal-membri għax din is-sena se jkun hemm żewġ stages u mhux wieħed.

28.4.10 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li l-kantanta Christabelle u s-Sur Frank O'Neill għamlu żewġ offerti lill-Kunsill; € 150 u jużaw is-sound provdut mill-Kunsill jew is-somma ta' € 200 u jġibu s-sound huma. Il-membri approvaw in-nefqa ta' € 200.

28.4.11 Is-Sindku ppropona li l-Peruvian Band għal din is-sena ma tinġibx fis-serata minħabba li hemm ħafna entertainment.

28.5 Traffic Management fi Triq Joe Abela Scolaro

Is-Sindku nfurma lill-membri li nżammet il-laqgħa mar-residenti ta' Triq Joe Abela Scolaro u l-madwar u matul il-laqgħa ħareġ biċ-ċar li din il-proposta ntlaqgħet tajjeb ħafna. Is-Sindku fisser li r-residenti esprimew il-ħsibijiet tagħhom dwar id-diffikultajiet li ta' kuljum jaffaċċjaw.

28.6 Filming ta' produzzjoni nternazzjonali fil-Ħamrun

Is-Sindku nfurma li fi Triq Joe Abela Scolaro se jsir Filming ta' produzzjoni nternazzjonali bl-isem 'Entebbe'. Dan il-filming huwa skedat għall-20 ta' Diċembru 2016.

**28.7** Is-Sindku nfurma lill-membri li ġie avviċinat minn żewġ studenti li għandhom proġett, billi jġibu artisti barranin jgħixu fil-lokalita'. Is-Sindku talab lil membri sabiex jinfurmawh f'każ li jkunu jafu b'xi postijiet għall-kiri.

**28.8** Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kuntratt bejn il-Kunsill Lokali u l-Liċeo Subien wasal fil-fażi finali tiegħu. Qed isiru xi emendi. L-inawgurazzjoni tal-proġett se ssir matul l-aħħar ġimgħa ta' Novembru.

**28.9** Is-Sindku nfurma lill-membri li ltaqa' mal-Inġinier tal-Korporazzjoni Enemalta dwar il-fanali ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali Immakulata Kunċizzjoni.

## 28.10 Korrispondenza

28.10.1 Is-Sindku ppreżenta korrispondenza li daħlet fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali dwar servizz minn Guggen Band fi żmien il-festi tal-Milied. Is-Sindku fisser li f'dan l-istadju jkun aktar għaqli jekk ma jsirux spejjeż ta' dan it-tip.

28.10.2 Is-Sindku pprezenta korrispondenza minghand Transport Malta fejn qed jitolbu li l-Kunsill jindika areas għal kunsiderazzjoni sabiex jiġu nstallati EV Charging Points fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega dwar dan il-proġett u wara diskussjoni ġie

maqbul li l-area proposti jkun: Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar, Triq il-Liċeo u Triq Joe Abela Scolaro.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-istimi mingħand l-Insurance dwar Public Liability Policy għall-attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill matul is-sena fejn l-istimi jgħidu ;

| | |
|---|---|
| Hamrun Chocolate Festival | € 1000 |
| The Hamrun Carnival | € 1000 |
| Pageant tal-Passjoni | € 600 |

Il-Kunsill approva din il-policy.

## 28.11 Ħwejjeġ oħra

28.11.1 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' għamlet kuntatt miegħu dwar l-arblu f'nofs il-bankina fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Jidher li l-problema hija l-boundary wall eżistenti ma' art li ilha snin mitluqa. Il-problema hija li sidha miet u għaldaqstant huwa mportanti li jsir rapport lill-Pulizija sabiex jinsabu l-eredi ta' dan il-persuna.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li residenti minn Triq Ġuże Pace avviċinawh dwar il-problemi li jkollhom kull meta tagħmel ix-xita, minħabba l-ammont ta' ilma li jżomm quddiemhom.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li l-Kumitat ta' Ħamrun Spartans talbu li jingħataw spazju fil-magazine tal-Kunsill sabiex iwasslu informazzjoni dwar il-klabb. Il-Kunsill approva din it-talba.

## 28.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-7.45p.m. u ġiet aġġornata għall-14 ta' Novembru 2016 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, <u>it-Tnejn, 14 ta' Novembru 2016</u>

<u>IFFIRMATA</u>
Christian Sammut
Sindku

<u>IFFIRMATA</u>
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv